**338. L-Onor. Marlene Farrugia tipproponi:**

Illi din il-Kamra:

Tinnota illi ċ-*Chief of Staff* tal-Onor. Prim Ministru, Keith Schembri, li huwa uffiċjal pubbliku, imħallas minn fondi pubbliċi spiċċa fil-qalba ta' allegazzjonijiet dokumentati serjissimi u bla ebda preċedent f'dawn l-aħħar ġimgħat, illi meta wieħed iqis il-kariga li huwa jokkupa, l-istess allegazzjonijiet spiċċaw jimminaw sija l-interess nazzjonali, kif ukoll il-fiduċja murija fil-Gvern tal-ġurnata;

Temmen li hu fl-interess nazzjonali, apparti tat-trasparenza u kontabilità bażika mistennija mill-aktar persuna viċin l-Onor. Prim Ministru, illi din il-Kamra tiddiskuti fid-dettall dawn l-allegazzjonijiet b'mod li jinstemgħu xhieda u jinġiebu provi, inkluż l-istess *Chief of Staff* tal-Prim Ministru u kull xhud li dan jidhirlu li għandu jressaq;

Għalhekk din il-Kamra tirriżolvi:

Li taħtar kumitat parlamentari *ad hoc* bl-istess mansjoni u setgħat tal-Kumitat Parlamentari dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u li jkun magħmul minn seba' Membri ta' din il-Kamra, erbgħa mill-Oppożizzjoni u tlieta min-naħa tal-Gvern, bil-President tiegħu li jkun Membru tal-Oppożizzjoni, biex dlonk jibda jisma' u jikkonkludi fi żmien massimu ta' xahrejn, kull xhud u kull prova meqjusa neċessarja, inkluż lill-istess *Chief of Staff* tal-Onor. Prim Ministru, biex ikun imħares l-interess nazzjonali u l-erarju pubbliku fid-dawl ta' dawn l-akkużi u allegazzjonijiet dokumentati;

Li wara li l-kumitat parlamentari *ad hoc* ikun lesta xogħlu, u skont l-eżitu tal-istess kumitat, il-Kamra tara jekk għandhiex tiċċensura l-aġir tal-Prim Ministru fid-dawl tal-fiduċja li hu sostna fiċ-*Chief of Staff* tiegħu, is-Sur Keith Schembri;

Li titlob lill-Prim Ministru biex jeżiġi r-riżenja tal-istess Keith Schembri, iċ-*Chief of Staff* tal-Onor. Prim Ministru b'mod immedjat.

17.05.16

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta Nru 394 tal-Erbgħa 25 ta' Mejju 2016.**